**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 61**

It-Tnejn, 19 ta' Frar, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjuri Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**61.1 Talba**

61.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

**61.2 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

61.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**61.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

61.3.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 60 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

**61.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

61.4.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li llum stess saret laqgħa bejnu, bejn L-Aġent Segretarju Eżekuttiv u Olivia Rossitto Direttur ta' Ambjent Malta minħabba l-*playing field* Kenn tas-Salvatur u nfurmahom li tali *playing field* għandu jkun lest sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju 2024. Il-kunsilliera qablu li għandu jerġa jiġi mitkellem l-kuntrattur sabiex jieħu ħsieb jirranġa n-nuqqasijiet indikati fl-MCCCA *Inspection Report.*

61.4.2 Ċirkolari numru SPI/SCI/5/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025. Il-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema għall-attivita' ta' *Traditions: Wine, Olive Oil & Honey 2024.*

**61.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

61.5.1 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward it-*tenders* tas-CCTV. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ġie mitkellem is-Sur William Sultana sabiex jinħareġ it-*tender* relattiv għal tali skema.

61.5.2 Il-Kunsillier Sammy Saliba saqsa rigward id-*double lines* li ntalbu li jsiru quddiem residenza fi Triq Wied Sara. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmah li uffiċjali minn *Transport Malta* marru fuq il-post però dan ir-resident ma kienx id-dar u għalhekk ma setgħux ikellmuh rigward tali talba.

**61.6 Materji Oħra**

61.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li ċċekkja rigward il-proċess relatat mal-proċedura tad-*devolution* u li min-naħa tad-DLG ġiet mgħoddija tali nformazzjoni sabiex ikun jista' jibda dan il-proċess.

61.6.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li rigward il-magna

tal-BCRS huwa bagħat *email* però għad ma hemmx risposta mingħandhom.

61.6.3 Kien hemm żewġ (2) applikazzjonijiet għall-*Electric Pedal Cycles* u għalhekk għandhom jiġu kkuntattjati sabiex ikun jista' jsir il-kuntratt relattiv.

61.6.4 Resident fi Triq Wied Sara bagħat kont relattiv għall-ħsara f'*tyre* tal-karozza peress li dan faqa' t-*tyre* f'din it-triq. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi rimborsat ta' tali spiża.

61.6.5 Persuna li kienet għaddejja minn Triq il-Kanun, Għasri rrapporta li faqa' *tyre* tal-karozza tiegħu, pero' ma ġabx irċevuta relatata. Il-kunsilliera qablu li għandha tintbagħat konferma ta' tali ħsara.

61.6.6 Resident fi Triq il-Knisja rrimarka li hemm xi appartamenti u ser jirranġaw ir-rampa u talbu li ssir bankina. Il-kunsilliera qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex issir tali bankina.

61.6.7 Resident minn Triq il-Fanal talab li ssir bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Il-kunsilliera qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex issir tali bankina.

61.6.8 Il-kunsillier Sammy Saliba nforma li fi Triq il-Fanal hemm arblu li skont l-inġinier għandu jinqala' peress li hemm s-servizzi għaddejjin minn taħt u li qiegħed 'l barra mill-bankina u huwa ta' periklu. Il-Kunsill qed jistenna konferma tal-Inġinier.

61.6.9 Resident fi Triq il-Knisja talab li l-kelma 'Keep Clear' terġa tinżabah. Il-kunsilliera qablu li l-ħaddiema għandhom jagħmlu dan ix-xogħol. Talab ukoll li jsiru d-*double lines*. Għal dan il-għan għandha ssir talba lil *Transport Malta.*

61.6.10 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff informa li saret laqgħa ma' xi residenti, flimkien mal-perit, fejn talbu li jsiru xi rampi sabiex ikunu jistgħu jaċċedu għall-post tagħhom. Informa li s-servizzi ser jippruvaw jgħadduhom min-naħa ta' fuq iżda għas-servizz tad-drenaġġ tkun problema minħabba tali rampi. Meta jkun ser jibdew ix-xogħolijiet fuq ir-rampa għandhom jiġu mitkellma dawk ir-residenti.

61.6.11 Il-Kuntrattur li ġie mqabbad jirranġa ħajt fi Triq it-Tamar irrimarka li sabiex jitranġa dan il-ħajt ser jitla' kont mhux ħażin u għalhekk il-kunsilliera qablu li għandha ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jitranġa dan il-ħajt.

**61.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

61.7.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-58.

**61.8 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

61.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 27 ta' Marzu, 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2023

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**